# IR-REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/2198

## tat-22 ta' Diċembru 2020

## li jikkoreġi r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1628 li jintroduċi sorveljanza retrospettiva tal-Unjoni rigward l-importazzjonijiet tal-etanol rinnovabbli użat bħala karburant

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2015/478 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2015 dwar ir-regoli komuni għall-importazzjonijiet ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 10 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2015/755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2015 dwar regoli komuni għall-importazzjonijiet minn ċerti pajjiżi terzi ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 7 tiegħu,

Wara li kkonsultat il-Kumitat dwar Salvagwardji u Regoli Komuni għall-esportazzjoni,

Billi:

(1) Bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1628 ([3]), il-Kummissjoni introduċiet sorveljanza retrospettiva tal-Unjoni rigward l-importazzjonijiet tal-etanol rinnovabbli użat bħala karburant.

(2) Fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1628 il-prodott ikkonċernat ikopri l-alkoħol etiliku prodott minn prodotti agrikoli li jinsabu fl-Etil tert-butil etere (ETBE), iżda l-kodiċi NM korrispondenti għal "ETBE" huwa nieqes mil-lista tal-kodiċijiet NM fit-Tabella tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1628. Għalhekk, il-kodiċi NM ex 2909 19 10 irid jiżdied billi tiġi emendata t-Tabella fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1628,

(3) Il-Kummissjoni tqis li l-iżball ma joħloq l-ebda ħassib billi r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1628 irrefera għal "etanol rinnovabbli użat bħala karburant" bħala l-prodott soġġett għal sorveljanza retrospettiva tal-Unjoni u l-kodiċijiet NM u TARIC ġew ipprovduti għall-informazzjoni biss,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Tabella fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1628 jinbidel b'dan li ġej:

| "KODIĊI NM | ESTENSJONIJIET TAL-KODIĊI TARIC |
|---|---|
| ex 2207 10 00 | 11 |
| ex 2207 20 00 | 11 |
| ex 2208 90 99 | 11 |
| ex 2710 12 21 | 10 |
| ex 2710 12 25 | 10 |
| ex 2710 12 31 | 10 |
| ex 2710 12 41 | 10 |
| ex 2710 12 45 | 10 |

([1]) ĠU L 83, 27.3.2015, p.16.
([2]) ĠU L 123, 19.5.2015, p.33.
([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1628 tat-3 ta' Novembru 2020 li jintroduċi sorveljanza retrospettiva tal-Unjoni rigward l-importazzjonijiet tal-etanol rinnovabbli użat bħala karburant (ĠU L 366, 4.11.2020, p. 12).

| | |
|---|---|
| ex 2710 12 49 | 10 |
| ex 2710 12 50 | 10 |
| ex 2710 12 70 | 10 |
| ex 2710 12 90 | 10 |
| ex 2909 19 10 | 10 |
| ex 3814 00 10 | 10 |
| ex 3814 00 90 | 70 |
| ex 3820 00 00 | 10 |
| ex 3824 99 92 | 66” |

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Diċembru 2020.

*Għall-Kummissjoni*
*Il-President*
Ursula VON DER LEYEN